MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 550/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**

**VS**

**RASHAD MABRUK**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rashad Mabruk ta’ 32 sena, imwieled Tripoli nhar it-22 ta’ Gunju, 1972, bin Elarbi u Arabiya nee’ Sharif, residenti fil-fond Roc-A-Go Garage, tal-Barrani L/O Zejtun;

Akkuzat talli matul il-perjodu ta’ bejn 1-20 u l-25 ta’ Gunju, 2003, fi Triq it-Torri, Sliema, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ rota, li l-valur taghha jeccedi s-somma ta’ Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin) minn gol-fond numru 242, Triq it-Torri, Sliema,

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok u hin, u li sar ghad-dannu ta’ Gardswerk Per Anders;

U aktar talli fis-26 ta’ Gunju, 2003 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misurqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti misruqin gew minn reat ta’ serq ikkwalifikat bil-valur;

U finalment talli sar recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, cioe’ waqt l-ezami, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti taghtu zmien xieraq skond il-Ligi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 261, 267, 270, 271, 334, 289 u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat illi l-akkuza ta’ ricettazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-akkuza ta’ serq, u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ dik l-akkuza.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti, u tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghall-perjodu ta’ tlitt (3) snin *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------